DRAMA FIL-KURRIKULU – 9

# BAĦAR IL-MEWT

*Fuq l-iskrin: Xbiha tat-twiebet bil-katavri tal-immigranti mgħarrqa.*

*AWDJO: Krib u tnehid fl-isfond u battuti kiebja ta' tanbur.*

**KOR:**

Bil-fjuri qed jaslu:
Bil-ġilji u l-qronfol
u l-ġirasol.
Bil-ward u l-krisant'mi
tal-mejtin.

Fil-mortwarju lesti
l-Afrikani għall-awtopsja.
Immigranti tal-ħniena.
Mgħarrqin rashom
'l isfel, imgħarrqin.

**NARRATUR:** Ħbieb, nistgħu ngħidu li r-reliġjon tagħna, il-ligi, l-arti, il-kultura, dak kollu li jagħżilna mis-salvaġiżmu, ġej mix-xtut tal-Mediterran.

*Fuq l-iskrin immagni ta' mappa tal-Mediterran.*

**NARRATUR:** Imma issa l-Mediterran inbidel f'qabar enormi jibla' l-erwieħ. Fl-aħħar traġedja, 24 raġel u mara biss waslu l-art. L-oħrajn li kienu fuq id-dghajsa, kważi elf, taw ruħhom lill-misteri fondi tal-baħar, taw ruħhom lid-dagħbien iswed u tal-biża'.

**KOR:** Min jaf, min jaf f'liema fond spiċċaw? Min jaf inqabdux f'xi sikka fonda jew f'xi għar?

**NARRATUR:** *(Isejjaħ lil xi ħadd – wieħed minn dawk li salvaw mill-għarqa).* Għaddi, għaddi Shaami.

**KOR:** Għidilna Shaami. Għidilna l-istorja tal-vjaġġ tiegħek. Int għaliex kont ħrabt?

**SHAAMI:** Għax riduni bilfors immur għall-gwerra. Riduni nidħol suldat. U jien ma ridtx immur noqtol. Waqaft mill-istudju u ddeċidejt li naħrab.

**NARRATUR:** Shaami ma kienx jaf fejn hi Malta. Inkomplu nisimgħuh:

**SHAAMI:** Ġieli kont smajt li hemm gzira li jisimha Malta imma ma kont naf xejn dwarha.

**KOR:** Shaami, għidilna, għidilna xi ħaġa minn fejn tlaqt.

**SHAAMI:** L-ewwel trid taqsam id-deżert. Ix-xemx tikwik. Ħalqek niexef. Ramel xott, xewk, sriep u gremxul ikrah. Hemm anki skorpjuni velenużi.

**KOR:** Imbagħad, Shaami, il-vjaġġ fuq il-baħar.

**SHAAMI:** Fil-Libja ma ridtx noqgħod, għax hemm pajjiż perikoluż. Igeddsuk f'gaġeġ, kulħadd fuq xulxin. Kulħadd jinten bl-għaraq. Kollha Afrikani. Mis-Sudan u mill-Kongo.

*Tanbur.*

Mill-Kenja u min-Niġerja.

*Tanbur.*

Mill-Eritrea u mill-Etjopja.

*Tanbur.*

*(L-għalliem/a tista' j/tieħu l-opportunità biex j/tistieden lill-istudenti jfittxu dwar dawn il-pajjiżi.)*

**NARRATUR:** Ħbieb, isimgħu din it-talba ta' tifel iswed:

**TIFEL:** Mulej ħanin! Kemm jien għajjien! Minn mindu telqu missieri u ommi, waħdi bqajt, bqajt waħdi. Fejn se nistkenn meta jasal il-lejl? L-isparaturi mhumiex 'il bogħod. U rrid naħrab. Niltaq mill-kosta tal-Afrika u nipprova naqsam il-baħar ħanin!

**KOR:** X'ħanin hu, ħabib tagħna! Il-Mediterran li trid taqsam sar Baħar ta' Miżerja. Sar ċimiterju!

**NARRATUR:** Issa ħbieb, isimgħu l-Għanja tar-Raġel Iswed.

**IR-RAGEL ISWED:** Jien in-Negru tal-Afrika.
Jien iben il-Kontinent l-Iswed.
Kont skjav bil-ktajjen ma' saqajja
u għabbejt il-ġebel
fuq dahri biex
jinbnew il-piramidi.
Kantajt għanjiet
ta' niket.
Mill-Afrika sal-Amerka.
daqqejt it-tanbur
tal-ħniena.

*Tanbur.*

Jien in-Negru
tal-Afrika.
Jien vittma bħal
Niesi.
Jien insett bla
isem.

*Tanbur.*

**KOR:** Sawtuna, bil-vireg u n-nerf sawtuna. U fil-Kongo qatgħulna jdejna għax sraqna ħobża u ftit żebbuġ. U f'Texas ħaġġruna għax il-ġilda tagħna kienet differenti. Mhux bħal tagħhom. U ddieħqu bina.

**NARRATUR:** Imma tridux inkomplu nisimgħu l-istorja ta' Shaami…

**SHAAMI:** Wara kumbattiment ma' mewġ qalil u għoli se negħrqu u ma negħrqux wasalna fuq il-blat. Wasalna billejl fuq dik id-dgħajsa se taqa' biċċiet. U l-pulizija qalulna li dik l-art kien jisimha Għawdex. Ma kellix għaxja ta' lejla.
Biex nirkeb dik id-dgħajsa u naħrab mil-Libja ħallast 1,200 dollaru.

**KOR:** Mnejn ġibthom, Shaami?

**SHAAMI:** Domt naħdem sena biex ġemmajthom, imma issa ma baqagħli xejn fuqiex naħlef. Lilna l-ħakkiema Ewropej u l-kompliċi tagħhom qatt ma riduna meħlusin.

**KOR *(stil Faxxist):***
Ibqgħu hemm, tiċċaqalqux!
Għax intom differenti!
Intom mhux bħalna.
Ibqgħu moħbija
b'raskom baxxuta.
Ibqgħu hekk ruħkom marbuta.
Ibqgħu maqfulin
f'kaxxa.
Ġisimkom imgeżwer
b'faxxa.

**NARRATUR:** U issa, bħal tant Afrikani oħra, Shaami sab ruħu f'Malta; sab ruħu fostna. Ifittex il-ħniena, il-kenn u l-mogħdrija jipprova jinsa ħajtu l-imgħoddija.

**KOR:** Sħabu mgħarrqin f'qiegħ il-baħar: mhux wieħed u tnejn, imma kważi jlaħħqu l-elfejn fiċ-ċimiteru fond tal-baħar Mediterran.

*Jidħol f'salt KLAWN KATTIV bit-tanborlin f'idu.*

**KLAWN KATTIV:**
Nies twajbin
U sħabi 'Nsara,
ħuti Maltin, devoti tal-qaddisin:
Jien ġejt hawn quddiemkom
biex navżakom bi dmir
għall-prekawzjoni
għax ħassejt l-obbligazzjoni.
Iftħu widnejkom
Isimgħuni sew
qabel toħorġu
Minn hawn ġew!
La tiklux ħut u tkunux
boloh.
Għax il-ħut ta' madwar
Malta

qiegħed jiekol il-laħam tal-mejtin.
Lill-Afrikani mejtin fil-baħar
Qed inaqqarhom
biċċa biċċa
l-ħut il-kbir u l-ħut iż-żgħir.
Iduru mal-katavri
Kavalli w pixxispad,
ħut ikrah bħal kelb il-baħar.

*Ċekċik qawwi bit-tanborlin.*

U jekk il-ħut jispiċċa bl-Ebola
Infettat? X'se nagħmlu ħbieb?
Min se jsalvana?
Min se jidħol għalina?
Liema San Pawl
se jidhol jipproteġina?
Nies twajba, sħabi Maltin,
Tkunux boloh.
Tibqgħux reqdin.

*Joħroġ joqmos b'ħafna mutetti u daħq isteriku.*
*Id-daħq jitħallat mat-tanborlin tal-KLAWN waqt li jerga' jidħol il-krib u l-biki tal-bidu. Jitbaxxa bil-mod il-mod sa ma jintefa kompetament sat-tmiem.*

NOTA: **Xi punti għad-diskussjoni.**

1. Is-sens tar-ritwal: il-fjuri mħalltin mal-krib u d-daqqiet tat-tanbur.

2. In-NARRATUR bħala ***intervistatur.*** Ix-xandir kemm qed jiffoka fuq it-traġedja tal-immigranti? Jew hemm affarijiet aktar importanti x'jinġiebu għall-attenzjoni tal-pubbliku?

3. X'qed tgħid, eżattament, it-TALBA TAT-TIFEL?

4. X'inhi l-funzjoni tal-KOR? Hu favur jew kontra l-immigranti?

5. X'tip ta' kuntatt għandu n-NARRATUR mal-udjenza?

6. X'funzjoni għandu l-KOR militari (faxxist)? Lil min jirrappreżenta?

7. SHAAMI: L-istorja tiegħu titwemmen jew qed jesaġera? Qatt smajtu jew qrajtu xi storja bħal tiegħu?

8. IL-KLAWN KATTIV: X'daħal jagħmel fix-xena? Ta' min jagħti kasu jew irid ibażża'? Il-messaġġ tiegħu deher fuq il-Facebook ukoll. Xi jfisser il-KLAWN KATTIV? Min hu?

**SPETT-ATTURI**: L-istudenti jipparteċipaw bħala karattri u bħala kor. Minn spettaturi jsiru Spett-Atturi (Teatru Forum tal-Brażiljan Augusto Boal, ispirat minn Freire). Il-klassi tkun animata u enerġizzata bis-saħħa ta' Għalliem/a li jrid/trid ikun/tkun PERFORMER, attur hu/hi stess. Hu/hi jrid/trid tfarrak l-inibizzjoni tiegħu/ tagħha. Irid/Trid tinsa l-uniformi tal-pedagoġija formali/tradizzjonali. Hu meta titkisser din ir-riġidità tal-għalliem/a li jibdew ġejjin ir-riżultati ta' dinamika ġdida fost l-istudenti.

# TMIEM.